MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 668/2010/1

**Michael Scicluna**

**v.**

**Suprintendent tas-Sahha Pubblika bhala Awtorita` dwar il-Licenzji**

**Il-Qorti:**

Rat il-verbal tal-lum stess ta’ Dr. Gavin Gulia u Dr. Noella Sciriha li permezz tieghu ghan-nom tal-patrocinati taghhom talbu li l-Qorti tirrekuza ruhha a bazi tal-Artikolu 734 (1)(d)(i) tal-Kap. 12;

Rat il-verbal tal-14 ta’ Frar 2011 fil-kawza fil-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet “Joanne Cassar v. Direttur tar-Registru Pubbliku et” u d-digriet tal-istess Qorti tal-istess data li bih cahdet it-talba ghar-rikuza;

Peress illi r-raguni li tressqet mill-avukati Dr. Gavin Gulia u Dr. Noella Sciriha ghall-patrocinati taghhom ma tinkwadrax fl-Artikolu 734(1)(d)(i) tal-Kap. 12 kif allegat peress illi fil-fehma tal-Qorti l-fatt li xi gudikant ikun esprima ruhu fuq punt legali f’kawza ohra ma hix motiv ta’ rikuza taht dak l-Artikolu;

Tichad it-talba.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------